## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR MELVYN CAMILLERI, SPETTUR PIERGUIDO SALIBA) V. CARLOS MONTESIN (KI. 433601L)

(SEWQAN TA' VETTURA BI TRASKURAĠNI, B'NUQQAS TA' KONT JEW B'MOD PERIKOLUŻ – KAP. 65 ART. 15(1)(A) –ĦSARA LIL TERZ MINĦABBA NUQQAS TA' ĦSIEB, TRASKURAĠNI JEW NUQQAS TA' THARIS TAR-REGOLAMENTI TAT-TRAFFIKU – KAP.9, ART. 328(D) – PROVA TA' KUNDANNI PREĊEDENTI META IKUN HEMM L-AMMISSJONI INKUNDIZZJONATA TAL-IMPUTADT)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**27 ta' April 2022**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Carlos Montesin, detentur tal-karta tal-identità numru 433601L imwieled il-Pietà u residenti l-Marsa ("l-imputat" jew "id-Difiża"),

wara li rat illi fis-seduta tal-preżentata l-Qorti kienet *inter alia* ordnat t-tħejjija ta' *social inquiry report* dwar l-imputat u qegħditu taħt Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni ai termini tal-proviso tal-Artikolu 7(2) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta[1],

wara li rat illi semgħet lill-uffiċjal tal-*probation* Glen Grixti jixhed[2] fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2020 dwar is-*social inquiry report* li ġie mħejji minnu u maħluf fl-istess seduta[3],

wara li rat ir-rapport tal-istess uffiċjal tal-*probation* ippreżentat fl-4 ta' Awwissu 2020 dwar l-andament tal-imputat fir-rigward tal-Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni[4],

---

[1] Fol 7
[2] Fol 27-28
[3] Fol 29-39
[4] Fol 41

wara li rat illi fis-seduta tat-13 ta’ Ottubru 2021 l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u kkonfermaha wara li l-Qorti tagħtu ċans jikkonsulta mal-avukat tiegħu u wara li wissietu fuq il-konsegwenzi ta’ tali ammissjoni u tagħtu ċans jerġa lura minnha[5],

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li semgħet it-trattazzjoni fuq il-piena magħmula għan-nom tad-Difiża mill-Avukat Dr. Victor Bugeja,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Pulizija ressqet lill-imputat taħt arrest fis-seduta tas-16 ta’ Ottubru 2019 bis-segwenti imputazzjonijiet u ċioe talli f’Birżebbuġa, l-Marsa u/jew fi bnadi oħra f’Malta nhar il-15 ta’ Ottubru 2019 u fil-ġranet u xhur ta’ qabel, b’diversi atti magħmulin minnu magħmula b’riżoluzzjoni waħda:

    1. Saq vettura bil-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni MLV018 mingħajr liċenzja tas-sewqan,

    2. Saq vettura bil-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni MLV018 b'nuqqas ta' kont,

    3. Saq vettura bil-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni MLV018 b'mod perikoluż,

    4. Saq vettura bil-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni MLV018 fit-triq kemm il-darba ma kienitx fis-seħħ polza t'assikurazzjoni Ii tkopri riskji ta' terzi,

    5. Bil-ħsieb biss biex jagħmel użu temporanju tagħha saq vettura bil-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni MLV018, kemm jekk immexxija minn forza mekkanika, kemm b'mezz ieħor kien li kien, mingħajr ma kellu il-kunsens tas-sid tagħha jew t'awtorità leġittima oħra,

    6. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew il-professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħruq,

[5] Fol 51

jew għamel ħsara jew ħassar jew għarraq vettura bil-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni MLV018,

7. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew il-professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħruq, jew għamel ħsara jew ħassar jew għarraq vettura bil-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni MAT005,

8. Minħabba vettura bil-mutur fit-triq u ċioe vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni MLV018, kien involut f'inċident Ii kkaġuna ħsarat fil-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni MAT005, u naqas li jieqaf meta kien meħtieġ Ii jagħmel dan, minn uffiċjal tal-Pulizija, uffiċjal tal-komunità jew minn persuna oħra, Ii jkollha raġuni biżżejjed li titlob li jsir hekk u jagħti l-isem, l-indirizz tas-sid tal-vettura, id-dettalji tal-assiguratur tal-vettura, kif ukoll il-marka jew numru tal-vettura,

kif ukoll talli f'Birżebbuġa, l-Marsa u/jew fi bnadi oħra f'Malta nhar il-15 ta' Ottubru 2019 u fil-ġranet u xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

9. Saq vettura bil-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni FBF381 mingħajr liċenzja tas-sewqan,

10. Saq vettura bil-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni FBF381 b'nuqqas ta' kont,

11. Saq vettura bil-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni FBF381 b'mod perikoluż,

12. Saq vettura bil-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni FBF381 fit-triq kemm il-darba ma kienitx fis-seħħ polza t'assikurazzjoni Ii tkopri riskji ta' terzi,

13. Bil-ħsieb biss biex jagħmel użu temporanju tagħha saq vettura bil-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni FBF381, kemm jekk immexxija minn forza mekkanika, kemm b'mezz ieħor kien li kien, mingħajr ma kellu il-kunsens tas-sid tagħha jew t'awtorità leġittima oħra,

14. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew il-professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħruq,

jew għamel ħsara jew ħassar jew għarraq vettura bil-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni FBF381,

15. Minħabba vettura bil-mutur fit-triq u ċioe vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FBF381, kien involut f'inċident Ii kkaġuna ħsarat f'arblu tad-dawl, u naqas li jieqaf meta kien meħtieġ Ii jagħmel dan, minn uffiċjal tal-Pulizija, uffiċjal tal-komunità jew minn persuna oħra, Ii jkollha raġuni biżżejjed li titlob li jsir hekk u jagħti l-isem, l-indirizz tas-sid tal-vettura, id-dettalji tal-assiguratur tal-vettura, kif ukoll il-marka jew numru tal-vettura,

kif ukoll talli f'Birżebbuġa, l-Marsa u/jew fi bnadi oħra f'Malta nhar l-14 ta' Ottubru 2019 u fil-ġranet u xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

16. Saq vettura bil-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni BBW398 mingħajr liċenzja tas-sewqan,

17. Saq vettura bil-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni BBW398 b'nuqqas ta' kont,

18. Saq vettura bil-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni BBW398 b'mod perikoluż,

19. Saq vettura bil-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni BBW398fit-triq kemm il-darba ma kienitx fis-seħħ polza t'assikurazzjoni Ii tkopri riskji ta' terzi,

20. Bil-ħsieb biss biex jagħmel użu temporanju tagħha saq vettura bil-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni BBW398, kemm jekk immexxija minn forza mekkanika, kemm b'mezz ieħor kien li kien, mingħajr ma kellu il-kunsens tas-sid tagħha jew t'awtorità leġittima oħra,

21. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew il-professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħruq, jew għamel ħsara jew ħassar jew għarraq vettura bil-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni BBW398,

22. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew il-professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħruq,

jew għamel ħsara jew ħassar jew għarraq vettura bil-mutur tal-għamla BMW,

23. Minħabba vettura bil-mutur fit-triq u ċioe vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BBW398, kien involut f'inċident li kkaġuna ħsarat f'vettura tal-għamla BMW, u naqas li jieqaf meta kien meħtieġ li jagħmel dan, minn uffiċjal tal-Pulizija, uffiċjal tal-komunità jew minn persuna oħra, li jkollha raġuni biżżejjed li titlob li jsir hekk u jagħti l-isem, l-indirizz tas-sid tal-vettura, id-dettalji tal-assiguratur tal-vettura, kif ukoll il-marka jew numru tal-vettura,

kif ukoll talli f'Birżebbuġa jew fi bnadi oħra f'Malta nhar it-30 ta' Awwissu 2019 u fil-ġranet ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

24. Saq vettura bil-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni FCJ854 mingħajr liċenzja tas-sewqan,

25. Saq vettura bil-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni FCJ854 b'nuqqas ta' kont,

26. Saq vettura bil-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni FCJ854 b'mod perikoluż,

27. Saq vettura bil-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni FCJ854 fit-triq kemm il-darba ma kienitx fis-seħħ polza t'assikurazzjoni li tkopri riskji ta' terzi,

28. Bil-ħsieb biss biex jagħmel użu temporanju tagħha saq vettura bil-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni FCJ854, kemm jekk immexxija minn forza mekkanika, kemm b'mezz ieħor kien li kien, mingħajr ma kellu il-kunsens tas-sid tagħha jew t'awtorità leġittima oħra,

29. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew il-professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħruq, jew għamel ħsara jew ħassar jew għarraq vettura bil-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni FCJ854,

30. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew il-professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħruq, jew għamel ħsara jew ħassar jew għarraq vettura bil-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni MGT207,

31. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew il-professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħruq, jew għamel ħsara jew ħassar jew għarraq vettura bil-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni JBJ457,

32. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew il-professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħruq, jew għamel ħsara jew ħassar jew għarraq vettura bil-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni HBH947,

33. Minħabba vettura bil-mutur fit-triq u ċioe vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FCJ854, kien involut f'inċident Ii kkaġuna ħsarat fil-vetturi bin-numri ta' reġistrazzjoni MGT207, JBJ457 u HBH947 u naqas li jieqaf meta kien meħtieġ Ii jagħmel dan, minn uffiċjal tal-Pulizija, uffiċjal tal-komunità jew minn persuna oħra, Ii jkollha raġuni biżżejjed li titlob li jsir hekk u jagħti l-isem, l-indirizz tas-sid tal-vettura, id-dettalji tal-assiguratur tal-vettura, kif ukoll il-marka jew numru tal-vettura,

34. Ikkommetta reat fil-perjodu operattiv ta' *probation* mogħtija lilu mill-Maġistrat Dr. Paul Coppini nhar is-6 t' Ottubru 2019,

35. Ikkommetta reat fil-perjodu ta' ordni b' liberazzjoni kkundizzjonat skond sentenza tal-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo datata nhar 1-1 ta' Frar 2019.

**Ammissjoni**

2. Fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2021, kważi sentejn wara li tressaq taħt arrest sabiex jiffaċċja dawn l-imputazzjonijiet, l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u kkonferma l-ammissjoni wara li l-Qorti tagħtu ċans jikkonsulta mal-avukat tiegħu u wara li wissietu fuq il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni u tatu ċans jerġa lura minnha[6].

3. Mill-bidu ta' din il-kawża sad-data tal-ammissjoni tiegħu ma' laħqu tressqu l-ebda provi b'kawża tan-numru kbir ta' differimenti li kien hemm b'konsegwenza tal-

[6] Fol 51

imxija tal-Covid-19 f'pajjiżna. Madanakollu xorta waħda laħqu nżammu numru ta' seduti u l-Qorti ma' tistax tikkunsidra l-ammissjoni bħala waħda bikrija.

**Provi dwar l-imputazzjonijiet numru erbgħa u tletin (34) u ħamsa u tletin (35)**

4. Bħal ma hu meħtieġ fir-rigward tal-prova dwar ir-reċidiva, l- imputazzjonijiet numru erbgħa u tletin (34) u ħamsa u tletin (35) li lkoll jirravizaw l-kummissjoni ta' reati matul il-perjodu operattiv ta' ordni ta' liberazzjoni kundizzjonata u ta' ordni ta' *probation* jeħtieġu minimament prova dwar il-kundanna jew kundanni preċedenti tal-imputat (*inter alia* permezz tal-esebizzjoni ta' vera kopja tas-sentenza/i in kwistjoni, prova dwar il-konnotati u prova dwar li s-sentenzi jkunu tabilħaqq għaddew in ġudikat). Kif ġie ritenut diversi drabi mill-Qrati tagħna l-fedina penali waħedha m'hijiex suffiċjenti sabiex tissodisfa din il-prova iżda tiswa biss bħala għodda sabiex tiġi kkalibrata l-piena.

5. F'dan il-każ però l-imputat ammetta b'mod inkundizzjonat l-imputazzjonijiet kollha li tressqu kontrih inkluż allura dawn iż-żewġ imputazzjonijiet in kwistjoni. F'dan ir-rigward riċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet: **<u>'Il-Pulizija v. Timothy Joe Forace'</u>** (30/09/2021, App. Nru. 479/2017, Imħallef Aaron M. Bugeja) stqarret kif ġej:

*F'dan il-każ ukoll ma jirriżultax li l-appellant talab li jressaq xi provi partikolari. B'hekk meta l-appellant, tajjeb jew ħażin, għażel li jammetti għall-imputazzjonijiet u għall-addebitu tar-reċidiva, huwa kien qiegħed joqgħod għall-ġudizzju li kienet obbligata tgħaddi fuqu il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u tagħtih il-piena skont il-Liġi fuq dak li jkun irriżultalha...*

*... 23. Meta persuna tirreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kontestati lilha, inkluż l-addebitu tar-reċidiva, dik l-ammissjoni hija meqjusa bħala il-"prova reġina" fis-sens li l-imputat ikun qiegħed jirrikonoxxi li huwa jkun wettaq ir-reati kontestati lilu fl-att akkużatorju u fil-każ li jkun addebitat bir-reċidiva, huwa jkun ukoll aċċetta u rrikonoxxa li meta wettaq ir-reati kontestati lilu, huwa kien ukoll, f'dak il-mument kwalifikat bl-addebitu tar-reċidiva. Bl-att tal-ammissjoni tiegħu l-imputat ikun qiegħed jeżenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq provi relattivi għall-fini ta' sejbien ta' ħtija tal-imputazzjonijiet jew addebitu tar-reċidiva kontestat lilu u dan peress li l-ammissjoni ħielsa imtennija tiegħu titqies li tkun prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li huwa jkun verament wettaq ir-reati u/jew l-addebiti kontestati lilu skont kif ikunu ġew kontestati lilu. Jekk l-imputat ikollu xi dubju jew ma jkunx konvint minn dak li jkun qed jiġi kontestat lilu, huwa ħieles li ma jammettix u l-każ ikompli bil-*

*proċedura normali. Iżda ġaladarba l-imputat ikun liberament u bl-għarfien tan-natura tal-imputazzjonijiet u/jew l-addebitu tar-reċidiva u l-konsegwenzi naxxennti mill-ammissjoni, irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet u/jew l-addebitu tar-reċidiva u din l-ammissjoni tkun ġiet imtennija, allura ftit hemm xi tgħid iżjed. Huwa jkun irrikonoxxa l-ħtija tiegħu u jkun irrikonoxxa wkoll li issa jkun irid joqgħod għall-piena skont il-Liġi."*

6. Hekk ukoll irriteniet l-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet: **__'Il-Pulizija v. Sean Farrugia'__** tal-20 ta' Novembru 2020:

   "*Fir-rigward tal aggravju li l-ewwel Qorti ma messitx sabet lill-appellant hati tal-akkzua ta' recidiva jinghad li huwa veru li l-Qorti ma tistax issib pesuna hatja talli hu recidiv sempliciment a bazi tal-fedina penali tieghu pero' f'dan il-kaz mhux hekk gara. L-ewwel Qorti sabitu hati talli huwa recidiv a bazi tal-ammissjoni tieghu stess. Meta l-appellant irregistra ammissjoni kien fl-istess hin qed jezenta lill-prosekuzzjoni mill-htiega li tkompli tressaq il-provi taghha u f'dan il-kaz in vista tal-ammissjoni tal-appellant l-prosekuzzjoni ma kellhiex ghalfejn tesebixxi xi sentenzi li inghataw fil-konfront tieghu u dan ghaliex l-appellant kien gja ammetta dan il-fatt. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.*"

7. Fuq l-insenjament ta' dawn is-sentenzi u oħrajn bħalhom din il-Qorti għalhekk qed tqis illi għalkemm il-Prosekuzzjoni ma' ressqet l-ebda prova f'dan ir-rigward (għajr għall-preżentata tal-fedina penali), l-imputazzjonijiet numru erbgħa u tletin (34) u ħamsa u tletin (35) huma meqjusa li jirriżultaw fil-konfront tal-imputat bis-saħħa tal-ammissjoni tiegħu.

### *Social Inquiry Report*

8. Fis-seduta tal-preżentata l-Qorti kienet *inter alia* ordnat t-tħejjija ta' dak li komuniment jissejjaħ *social inquiry report* dwar l-imputat u qegħditu ukoll taħt Ordni Proviżorja ta' Superviżjoni ai termini tal-proviso tal-Artikolu 7(2) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta[7].

9. Fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2020 deher l-uffiċjal tal-*probation* Glen Grixti li ppreżenta u ħalef bil-ġurament tiegħu s-*social inquiry report* li tħejja minnu[8].

---

[7] Fol 7
[8] Fol 29-39

10. Mir-rapport joħroġ b'mod ċar illi l-imputat kellu trobbija diffiċli u għadda minn diversi diffikultajiet u trawmi kawża ta' abbuż li sofra. Huwa għex f'diversi *homes* u kien taħt *care-order*. Huwa ilu segwit mill-Appoġġ minn Ġunju 2003. Ilu għal diversi snin ukoll taħt kura psikjatrika u kellu diversi *admissions* ġewwa l-Isptar Monte Karmeli. Jirriżulta ukoll illi l-imputat mhux dejjem ikkopera mal-professjonisti li ġew assenjati lilu minn żmien għal żmien u saħansitra waqqaf il-mediċina li ġiet preskritta lilu. Il-*probation officer inter alia* rrakkomanda li l-imputat jingħata assistenza psikoloġika u li jekk għandu jirritorna fil-komunita dan għandu jmur jirrisjedi barra mill-familja tiegħu u ċioe li jew jgħix waħdu jew f'xi *home.*

**Rapport tal-andament tal-imputat taħt l-ordni temporanja ta' superviżjoni**

11. Fl-4 ta' Awwissu 2020 l-istess uffiċjal tal-*probation* ippreżenta rapport dwar l-andament tal-imputat taħt l-ordni temporanja ta' superviżjoni[9]. Minn dan ir-rapport joħroġ illi l-attitudni tal-imputat ġewwa l-CoRRS (Centre of Residential Rehabilitative Services) mhux dejjem kienet qed tkun eżemplari u filfatt f'numru ta' ġranet huwa kellu jiġi maqful fiċ-ċella tiegħu. L-awtoritajiet tal-CoRRS pruvaw jtuh xi xogħol bi ħlas iżda dan kellu jitwaqqaf minn żmien għal żmien minħabba l-attitudni tiegħu. Fuq nota posittiva huwa żamm kuntatt regolari m'ommu li qed tgħinu b'mod finanzjarju u ma' uħud minn ħutu.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-piena**

12. Bħala piena il-Qorti apparti li fliet is-*social inquiry report* fuq imsemmi, rat ukoll il-fedina penali tal-imputat li minnha rriżulta illi huwa kien instab ħati minn din il-Qorti diversement presjeduta permezz tas-sentenza tal-1 ta' Frar 2019 (Onor. Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo) u tas-6 ta' Ottubru 2019 (Onor. Maġistrat Dr. Paul Coppini):

    1. Bis-sentenza tal-1 ta' Frar 2019 huwa kien instab ħati *inter alia* illi inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz (Kap. 9, Art. 95). Huwa kien ġie lliberat bil-kundizzjoni li ma' jwettaqx reat ieħor għal żmien tmintax-il xahar. L-imputazzjoni numru ħamsa u tletin li qed jiġi imputat biha f'din il-kawża hija

[9] Fol 41

proprju dik illi kkommetta reat fil-perjodu ta' din l-ordni. Il-Qorti sejra tuża d-diskrezzjoni tagħha billi ma' titrattax mal-imputat għar-reati li tagħhom kien instab ħati fis-sentenza msemmija.

2. Bis-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2019 huwa kien instab ħati illi kkommetta serq ta' flus kontanti li l-valur tagħhom jaqbeż il-€232.94 iżda hu inqas minn €2,329..37 liema serq kien kwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-ħin (Kap. 9, Art. 261, 263, 267 u 270) u ukoll illi laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat u li xjentement b'kull mod indaħal biex ibiegħhom u imexxihom (Kap. 9, Art. 334). Huwa kien ġie imqiegħed taħt *probation order* għall-perjodu ta' tlett (3) snin. L-imputazzjoni numru erbgħa u tletin li qed jiġi imputat biha f'din il-kawża hija dik illi kkommetta reat fil-perjodu ta' din l-ordni. Il-Qorti sejra tuża d-diskrezzjoni tagħha billi ma' titrattax mal-imputat għar-reati li tagħhom kien instab ħati fis-sentenza msemmija. Għal kull bwon fini l-Qorti tirrileva illi anke li kieku riedet titratta mal-imputat, hija ma' kienetx tkun f'posizzjoni li tagħmel dan għat-tieni reat peress illi hija sprovvista mill-informazzjoni meħtieġa sabiex tistabbilixxi l-piena (inkluż informazzjoni dwar il-valur tal-oġġetti u dwar liema subartikolu tal-Art. 334 huwa applikabbli).

13. Il-Qorti tħoss illi l-imputat kien sfortunat f'ħajtu li twieled u trabba f'ambjent fejn min suppost kellu jieħu ħsiebu u jindukrah ma' wettaqx dmiru sew b'riżultat illi ġie espost għal abbuż verbali u fiżiku b'konsegwenzi serji għall-futur tiegħu. Rat ukoll li huwa jbati minn problemi ta' natura psikoloġika u li qiegħed taħt kura psikjatrika. Min-naħa l-oħra ma' tistax tinjora l-Qorti l-fatt illi minkejja li qed jingħata l-għajnuna minn diversi professjonisti l-imputat mhux dejjem qed juri attitudni xierqa, kemm minħabba l-imġieba tiegħu matul il-perjodu ta' superviżjoni temporanja u anke minħabba li ftit li xejn ikkopera magħhom inkluż billi waqqaf il-mediċina li ġiet preskritta lilu. Di piu' ir-reati li wettaq wasslu għal numru ta' ħsarat fil-proprjetà ta' terzi persuni u agħar minn hekk setgħu kellhom konsegwenzi ferm iktar serji għan-nies li kienu qegħdin fit-toroq li minnhom għadda l-imputat.

14. Inċidentalment il-Qorti trid tissolleva ukoll il-fatt illi minkejja li kien hemm numru ta' terzi li sofrew ħsarat fil-proprjetà tagħhom, l-ebda prova ma' tressqet dwar l-istima ta' dawn il-ħsarat u inoltre filwaqt li l-uffiċjal tal-*probation* kien qiegħed iħejji r-rapport tiegħu huwa ġie infurmat mill-Prosekuzzjoni illi l-vittmi f'dan il-każ ma' xtaqux li jiġu intervistati minnu. Fil-mankanza ta' dawn il-provi l-Qorti ma' tistax tkun f'posizzjoni li toħroġ ordni ta' kumpens favur dawn il-vittmi.

15. Il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni ukoll il-fatt illi l-imputat ma’ kienx għadu għalaq tmintax-il sena fiż-żmien meta kkommetta r-reati.

16. Tenut kont il-fatturi u ċ-ċirkustanzi fuq imsemmija l-Qorti tara li tkun qed tilħaq bilanċ bejn l-interessi tal-imputat u tas-soċjetà in ġenerali jekk il-piena tkun waħda li tinkorpora kemm multa raġjonevoli kif ukoll perjodu ta’ karċerazzjoni effettiva apparti ordni ta’ trattament intiża sabiex l-imputat jingħata opportunita’ oħra li jirrabilita ruħu.

**Deċiżjoni**

17. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tiddisponi minn din il-kawża billi ssibu ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu (Kap. 65 Art. 15(1)(a), Kap. 104 Art. 3(1), Kap. 65 Art. 61(1), Kap. 9 Art. 328(d), Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 Art. 67(1), Kap. 446 Art. 23).**

18. **Bħala piena l-Qorti bl-applikazzjoni ta’ tnaqqis fi grad minħabba l-eta tal-imputat (Kap. 9, Art. 37(2)) u bl-applikazzjoni tal-Art. 17 dwar il-konkors ta’ reati u pieni qegħda:**

    1. **Fir-rigward tal-imputazzjonijiet numru 1, 5, 9, 13, 16, 20, 24 u 28 tikkundanna lill-imputat iħallas il-multa komplessiva ta’ elf, erba’ mija u erbgħin euro (€1,440) liema multa għandha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta titħallas ratealment fuq medda ta’ sitta u tletin (36) xahar permezz ta’ pagamenti mensili ta’ € 40 kull xahar b’dan illi jekk ma jsirx il-ħlas ta’ xi wieħed mill-pagamenti, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufih u, fin-nuqqas ta’ tali ħlas, il-bilanċ tal-ammont dovut jkun awtomatikament konvertibbli fi priġunerija mingħajr il-ħtieġa ta’ xi att ġudizzjarju ieħor.**

    2. **Fir-rigward tal-imputazzjonijiet numru 3, 4, 6, 7, 11, 12, 14, 18, 19, 21, 22, 26, 27, 29, 30, 31 u 32 tikkundannah għal piena karċerarja ta’ għaxar xhur.**

    3. **Fir-rigward tal-imputazzjonijiet numru 2, 10, 17 u 25 (kollha reati dwar sewqan b’nuqqas ta’ kont) il-piena hija assorbita fir-reati iżjed serji ta’ sewqan perikoluż.**

4. **Fir-rigward tal-imputazzjonijiet numru 8, 15, 23 u 33, stante illi dawn huma ta' natura kontravvenzjonali l-piena hija assorbita fil-piena tad-delitti ossia tar-reati iżjed serji ai termini tal-Art. 17(d) tal-Kap. 9.**

5. **Fir-rigward tal-imputazzjonijiet numru 34 u 35, il-Qorti m'hijiex qed titratta mal-imputat għar-reati li dwarhom huwa kien ingħata ordni ta' libertà kundizzjonata u ordni ta'** ***probation.***

19. **B'żieda mal-piena, il-Qorti qegħda tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien <u>sitt snin</u> ai termini tal-Art. 15(2) u Art. 15 (3) tal-Kap. 65 u tal-Art. 3(2A) tal-Kap. 104.**

20. **Fid-dawl tal-fatt li l-ħati għandu bżonn assistenza psikoloġika u kura psikjatrika il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin sabiex matul il-perjodu li fih il-ħati sejjer ikun residenti fl-istess Faċilita' jara li l-istess ħati jingħata l-għajnuna meħtieġa u l-aċċess kollu meħtieġ għall-professjonisti meħtieġa.**

21. **Għal dan il-għan ukoll il-Qorti qegħda tqiegħed lill-ħati taħt ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap. 9, skont it-termini imsemmija fid-digriet li qed jiġi anness ma din is-sentenza, liema ordni qiegħed isir għal perjodu ta' tlett (3) snin u tirrakkomanda lid-Direttur tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jipprovdi dik l-assistenza kollha meħtieġa lill-ħati sabiex din l-ordni ta' trattament tkun tista' tiġi segwita u imwettqa mill-istess ħati b'suċċess.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y. M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |

## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR MELVYN CAMILLERI, SPETTUR PIERGUIDO SALIBA) V. CARLOS MONTESIN (KI. 433601L)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**27 ta' April 2022**

IL-QORTI,

wara li rat li fis-sentenza tagħha tas-27 ta' April 2022 hija ordnat *inter alia* ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li l-ħati jitpoġġa taħt Ordni ta' trattament u dan wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Trattament sabiex ikun jista' jiġi mgħejjun jegħleb diffikultajiet ta' natura psikoloġika u/jew psikjatrika, dan għal perjodu ta' tlett snin millum.

wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' trattament u illi jekk jonqos li jħares jew li milli jikkonforma ruħu ma' xi rekwiżit jew kondizzjoni tal-ordni sakemm dan l-Ordni jkun fis-seħħ, l-Qorti tista' twaħħal ammenda ta' mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

qed tagħti din l-

## Ordni ta' Trattament

taħt il-kundizzjonijiet segwenti:

1. L-Ordni hija għall-perjodu ta' **<u>tlett (3) snin</u>** mil-lum,

2. It-Trattament ser ikun sabiex jiġi mgħejjun jegħleb diffikultajiet ta' natura psikoloġika u/jew psikjatrika li jidher afflitt minnhom, skont kif l-Uffiċjal Sorveljanti maħtur jiddetermina fl-aħjar interess tal-ħati.

3. Matul il-perjodu tal-Ordni ta' Trattament, l-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi u ordnijiet kollha tal-Uffiċjal Sorveljanti u tal-Esperti li lilhom jista jiġi riferut il-ħati minnu u jżomm dak il-kuntatt meħtieġ magħhom skont il-ħtieġa tal-każ u s-sitwazzjoni.

4. L-Uffiċjal Sorveljanti għandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt xhur.

TORDNA li kopja ta' din l-Ordni tingħata lill-ħati u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole

**V.G. Axiak** | **Y. M. Pace**

**Maġistrat** | **Dep. Reġistratur**